MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 522/2005/1

**George Azzopardi**

**v.**

**Heritage Malta; il-Ministru responsabbli mit-Turizmu u Kultura; il-Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-30 ta’ Mejju 2005 li taqra hekk:

“Premess illi l-esponenti jinsab fil-prezent impjegat mal-Gvern izda *detailed* ma’ HERITAGE MALTA fil-grad ta’

*Collection and Site Executive*: il-grad li huwa gie assimilat fih sa mill-10 ta' Gunju 2004 b'rizultat tal-konkluzjoni tal-Ftehim Kollettiv gdid li sar ghall-haddiema ta' HERITAGE MALTA.

"Premess illi qabel ma huwa gie assimilat fil-grad ta' *Collection and Site Executive*, kif imsemmi iktar 'il fuq, huwa kien fil-grad ta' Assistent Kuratur (li gie mnehhi biex floku llum hemm il-grad ta' *Collection and Site Executive*) *posted* fil-muzewijiet u s-siti arkeologici/ storici statali f'Ghawdex fejn ghadu sal-lum.  Huwa wkoll ggradwat bil-gradi ta' B.A. (Hons) u M.A. fl-arkeologija, bl-ahhar grad jigi miksub fl-1999 meta kien ghadu Assistent Kuratur.

"Premess illi bhala parti mill-formazzjoni tal-istruttura gdida taghha, lejn l-ahhar ta' Awwissu 2003, HERITAGE MALTA ghamlet sejha nterna (minghajr data) biex jimtlew vakanzi fil-gradi ta' *managers* f'diversi aspetti amministrattivi u kuraturi responsabbli minn gruppi ta' muzewijiet u siti arkeologici/storici f'Malta.

"Premess illi l-attur jhoss li l-mod kif giet fformulata l-istruttura tar-responsabbilta` tal-muzewijiet u s-siti arkeologici/storici f'Ghawdex saret b'tali mod li tippregudikah u tizvantaggjah, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

"a) Ghall-kuntrarju ta' dak li sar f'Malta (u kif hija wkoll il-prattika generali mad-dinja kollha), il-muzewijiet u s-siti arkeologici/storici f'Ghawdex ma tpoggewx taht ir-responsabbilta` ta' kuratur izda ta' *manager*.

"b) Il-*job description* u r-rekwiziti akkademici ghall-post ta' *manager* f'Ghawdex kien fihom tahlita ta' doveri kuratorjali ma' dawk manigerjali fil-kaz tal-ewwel, u r-rekwiziti ta' (1) *first degree* fl-arkeologija, storja tal-arti, jew xi dixxiplina relatat u (2) *diploma* jew *degree* f'xi dixxiplina relatata mal-amministrazzjoni tan-negozju jew it-turizmu fil-kaz tat-tieni; bit-tieni rekwizit minghajr ebda relazzjoni mal-ewwel wiehed.

“c) Matul laqgha li kienet saret lejn l-ahhar ta’ Awwissu 2003, mac-*Chief Executive Officer* ta’ HERITAGE MALTA fejn hija pprezentat dawn is-sejhiet interni, l-attur mal-ewwel gibdilha l-attenzjoni ghall-fatt li, kuntrarjament ghal dak f’Malta, il-muzewijiet u s-siti arkeologici/storici f’Ghawdex m’humiex taht ir-responsabbilta` ta’ kuratur izda ta’ *manager*. Ir-risposta moghtija illum (dejjem verbalment) kienet illi l-*manager* f’Ghawdex ser ikun jaghmel ukoll xoghol ta’ kuratur. Fid-dawl tal-insistenza ta’ HERITAGE MALTA li hija dejjem timxi bl-istess *policies* fil-konfront kemm ta’ Malta kif ukoll ta’ Ghawdex, l-attur rega’ gibdilha l-attenzjoni ghall-fatt illi fil-kaz ta’ Malta z-zewg rwoli ta’ *manager* u kuratur gew separati minn xulxin u mhux maqghudin f’persuna wahda bhalma kien ser isir (u, fil-fatt, sar) fil-kaz ta’ Ghawdex. Ir-risposta moghtija lilu f’dan l-istadju, illi, ghal ragunijiet ta’ natura finanzjarja, HERITAGE MALTA ma kienitx f’pozizzjoni li taghmel iktar postijiet (kuratorjali jew manigerjali) ma’ dawk li kienet ghamlet, hija wahda fierha u irrisorja specjalment meta wiehed iqis li, minn dakinhar l’hawn, zdiedu postijiet godda ta’ *managers* li, sal-lum, gew mimlijin ukoll.

“d) Kuntrarjament ghall-prattika normali u kif wiehed jistenna, il-*job description* u l-lista tar-rekwiziti ma kienux jakkumpanjaw is-sejha (interna) ghall-mili tal-imsemmija vakanzi izda kull min kien interessat kien mitlub jitlobhom permezz ta’ *e-mail* jew telefon lis-segretarja tac-*Chief Executive.* Meta l-attur, permezz tat-telefon, talab il-*job description* u r-rekwiziti tal-post ta’ *manager* ghall-muzewijiet u siti arkeologici/storici f’Ghawdex u dawk tal-post ta’ kuratur tal-Arkeologija f’Malta, huwa ntalab (fl-istess komunikazzjoni bit-telefon) sabiex jitlob biss il-*job description* u r-rekwiziti tal-post li huwa nteressat japplika ghalih. Dan ma tantx jirrifletti trasparenza tant mistennija fis-setturi tal-hajja pubblika f’dawn iz-zminijiet! Dan minbarra l-fatt li kull applikant ghandu d-dritt li jitlob il-*job description* u l-lista tar-rekwiziti ta’ kwalunkwe post sabiex ikun f’pozizzjoni li jista’ jara ghal liema post jew postijiet huwa jikkwalifika; biex ma jinghadx ukoll li dawn suppost li jkunu diga` *available* ma’ kull sejha. Fid-dawl tar-risposta li gie moghti (bit-telefon),

l-attur talab il-*job description* u l-lista tar-rekwiziti tal-post ta' *manager* tal-muzewijiet u s-siti f'Ghawdex.

"e) Eventwalment, l-attur applika ghall-post ta' *manager* tal-muzewijiet u s-siti f'Ghawdex. Fil-kaz ta' postijiet ohra m'applikax ghaliex kien fi zvantagg ma' persuni ohra li kienu nteressati japplikaw, jew minhabba rekwiziti akkademici li huwa ma kellux bhalma huwa fil-kaz tal-post ta' kuratur tal-Arti jew ghax ma kellux esperjenza ta' xoghol fil-Muzew tal-Arkeologija f'Malta jew fis-siti f'Malta kif kellhom persuni ohra li kienu nteressati japplikaw ghall-postijiet ta' kuratur tal-Arkeologija jew tas-siti. L-esperjenza tieghu kienet fil-muzewijiet u s-siti f'Ghawdex izda dawn gew separati minn dawk ta' Malta u, kuntrarjament ghal dak li sar fil-kaz ta' Malta, gew impoggija taht ir-responsabbilta` ta' *manager* (minflok kuratur) bil-*job description* u l-lista tar-rekwiziti akkademici kif diga` gie spjegat iktar qabel.

"f) Minbarra l-kwalifiki akkademici li jikkumparaw ma' dawk mehtiega ghall-grad ta' kuratur, l-attur ghandu wkoll esperjenza amministrattiva minhabba l-fatt li, bhala l-iktar ufficjal *senior* fil-muzewijiet t'Ghawdex (meta huwa kien ghadu assistent kuratur), huwa kien diga` jgorr responsabbilta` amministrattiva tal-istess muzewijiet u siti f'Ghawdex.

"g) Meta l-attur gie biex japplika u saqsa (permezz tat-telefon) lis-segretarja tac-*Chief Executive* dwar il-fotokopji tal-kwalifiki li normalment dejjem ikunu mitluba mal-applikazzjoni, huwa rcieva r-risposta (fl-istess kommunikazzjoni bit-telefon) li m'hemmx htiega li jibghathom. Fi zmien qasir, huwa gie msejjah ghall-*interview* fejn ha l-kwalifiki originali mieghu minkejja li ma giex mitlub jaghmel dan. Waqt l-istess *interview*, fl-ebda mument ma gie mitlub juri l-kwalifiki akkademici u meta rrimarka lill-*interviewing panel* li kien gab il-kwalifiki originali mieghu, huwa gie mwiegeb li ma kienx hemm ghalfejn ghax jemnuh (SIC). Waqt il-kors tal-istess *interview*, kien diga` qieghed jigi ndikat l-attur l-ezitu tal-*interview* meta gie rrimarkat lilu li l-linja tieghu kienet aktar ta' natura teknika milli amministrattiva. L-attur kkonferma

li l-linja tieghu hija aktar ta' natura teknika milli amministrattiva ghax, fil-fatt, huwa kkwalifikat fl-Arkeologija, pero` huwa enfasizza wkoll illi xoghol ta' natura amministrattiva kien ilu, fil-fatt, jaghmlu fil-muzewijiet u s-siti f'Ghawdex ghaliex, bhala assistent kuratur, kien l-iktar ufficjal *senior* fil-muzewijiet u s-siti f'Ghawdex u bhala tali, kien jaghmel xoghol kemm ta' natura teknika jew kuratorjali u anke ta' natura amministrattiva kif, wara kollox, jaghmlu anke l-kuraturi fil-muzewijiet u s-siti taghhom.

"h) Fit-30 ta' Ottubru 2003 hareg ir-rizultat fejn, filwaqt li huwa gie muri apprezzament ghall-*commitment* tieghu u l-kontribut li dejjem ta, l-attur gie mgharraf li l-Bord ta' Selezzjoni kien iddecieda li jkun aktar ta' beneficcju kemm ghal HERITAGE MALTA kif ukoll ghalih innifsu jekk jinstablu post fi hdan HERITAGE MALTA li jkun iktar *in line* mal-*'valuable expertise'* tieghu (SIC) minghajr, pero` ma gie specifikat dan il-post. Intqal lilu biss li kien ittamat li jsiru diskussjonijiet f'dan ir-rigward matul ix-xhur li kellhom jissuccedu. Ta' min jistaqsi, hawnhekk f'liema parametri kien qed jiffunzjona l-Bord ta' Selezzjoni?

"i) Ghaldaqstant, l-attur baqa' fil-grad ta' Assistent Kuratur u, fil-frattemp, jistenna xi zviluppi kien ser ikun hemm fil-kaz tieghu sa ma gie konkluz il-Ftehim Kollettiv il-gdid li saret referenza ghalih iktar qabel meta, allura, huwa gie awtomatikament assimilat fil-grad ta' *Collection and Site Executive* li ha post il-grad ta' Assistent Kuratur (li gie mnehhi) b'sehh mill-10 ta' Gunju 2004. Dan huwa l-grad li l-attur ghadu fih sal-lum.

"j) B'dan il-mod kif spjegat iktar 'il fuq l-attur gie mcahhad minn dak li kien jisthoqqlu u tpogga f'pozizzjoni zvantaggjata. Sostanzjalment, irregolarita` kbira u dan minhabba l-fatt li:

"i) Ma nghatax l-opportunita` li jikkonkorri f'*level playing field* ma' applikanti ohra l-istess konkorrenza sabiex il-valuri tieghu jigu kkunsidrati gustament fil-post li ghalih huwa applika ghaliex, l-ewwel

u qabel kollox, jidher evidenti li l-post, il-*job description,* u r-rekwiziti kienu mfasslin *tailor made* biex jakkomodaw xi persuna partikolari intenzjonalment u b'mod l-iktar sottili mtellef mic-cans li jikkwalifika ghall-post, kif fil-fatt kien jikkwalifika kompletament (i.e gradi akkademici, rekord tajjeb ta' servizz, u kondotta nadifa) kieku l-post kellu jkun ta' responsabbilta` tal-muzewijiet u s-siti ta' Ghawdex minn kuratur bhalma, wara kollox, huwa l-kaz tal-muzewijiet u s-siti f'Malta.

"ii) Fl-ghazla tal-kandidati hu evidenti, anke mill-atteggjament li ha l-Bord ta' Selezzjoni, li kien hemm *bias* u pregudizzju fil-konfront tal-klijent tieghi, iddahhlu konsiderazzjonijiet li ma kellhomx ikunu nkluzi fil-konsiderazzjonijiet tal-ahjar kandidat u fi kwalunkwe kaz kienu rragjonevoli fl-ghazla taghhom, ragjonevolezza li tirrizulta *ictu oculi* b'mod oggettiv, u minghajr ma wiehed ghandu joqghod jidhol fil-kwistjoni ta' x'gieghel il-Bord ta' Selezzjoni jasal ghall-ghazla tieghu.

"Premess illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni, dawn baqghu inadempjenti. Ghaldaqstant qieghdha ssir din il-kawza.

"Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti, jew min minnhom ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

"1. tiddikjara l-ghemil Amministrattiv b'liema l-attur spicca *detailed* mal-Awtorita` konvenuta, Heritage Malta fil-grad ta' "Collection and site Executive" huwa *ultra vires* peress li jikkonstitwixxi abbuz tas-setgha tal-Awtorita` Pubblika billi sar ghal-ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u dan a tenur tal-Artikolu 469 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"2. tiddikjara li l-istess ghemil amministrattiv huwa kontra l-ligi u dan stante li jirrizulta li huwa rragjonevoli u minnu nnifsu malinn u jwassal ghal rizultati perversi fil-konfront tal-attur.

“3. konsegwentement, taghti dawk il-provvedimenti mehtiega u opportuni sabiex tigi rimedjata l-pozizzjoni personali tal-attur.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Dicembru 2004 kollha kontra l-konvenuti li jiqbghu minn issa mharrkin ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Prim Ministru, tal-Ministru responsabbli mit-Turizmu u Kultura u tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepew:

“1. Illi l-esponenti m’humiex il-legittimi kontradittturi ghat-talbiet tal-attur liema talbiet huma dwar kwistjonijiet interni u ta’ relazzjonijiet industrijali fil-Heritage Malta li ghandha personalita` guridika distinta minnhom u mill-Gvern.

“2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi kwantu bbazata fuq pretenzjonijiet illi l-istruttura ta’ tmexxija ta’ Heritage Malta kellha tigi organizzata mod iehor minn kif hija organizzata l-azzjoni hija karenti minn fundament guridiku fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li fuqu hija bazata u fi kwalunkwe ligi ohra billi d-decizjonijiet dwar l-organizzazzjoni interna ta’ awtorita` pubblika huma espressament eskluzi mid-definizzjoni ta’ ‘att amministrattiv’ fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u tali decizjonijiet m’humiex sindakabbli kif jippretendi l-attur.

“3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi anke kieku biss ghall-grazzja tal-argument kellu jigi koncess (li m'huwiex) illi din l-azzjoni hija fondata fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 l-azzjoni tkun dekaduta u improponibbli billi qieghdha ssir wara t-trapass tat-terminu perentorju ta’ sitt xhur stipulat fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

“4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi la larba l-attur huwa impjegat tal-Gvern il-promozzjonijiet tieghu bhala impjegat fis-Servizz Pubbliku huma regolati mill-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni u mill-

Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u m'humiex sindakabbli mill-Qrati fit-termini tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Illi inkwantu hija bazata fuq ilment tal-attur dwar il-post fejn huwa bhala impjegat fis-Servizz Pubbliku, gie *detailed* skont il-ligi biex jippresta s-servizzi tieghu l-azzjoni hija wkoll infondata billi ma jezisti ebda dritt da parti tal-attur illi huwa jitqieghed f'xi pozizzjoni partikolari fl-organizzazzjoni fejn gie *detailed* biex jahdem u dan specjalment meta lanqas il-ftehim kollettiv illi jirregola lill-impjegati tal-Gvern li huma *detailed* ma' Heritage Malta ma jipprovdi illi l-attur ghandu jitqieghed fil-kariga ta' kuratur li qieghed jippretendi.

"5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-pretenzjonijiet tal-attur huma anke fil-meritu infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-decizjonijiet dwar l-organizzazzjoni interna ta' Heritage Malta u dwar l-ghazla tal-persuni biex jagixxu fil-karigi f'dik l-organizzazzjoni saru genwinament u fl-interess ta' dik l-organizzazzjoni u ma humiex affetti minn ghanijiet mhux xierqa jew minn konsiderazzjonijiet irrilevanti jew minn xi forma ohra ta' abbuz ta' poter kif jallega l-attur.

"6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tielet talba fic-citazzjoni taqa' barra l-kompetenza tal-Qrati inkwantu qieghdha, direttament jew indirettament titlob illi l-Qorti tassumi l-funzjoni illi taghti promozzjonijiet lil impjegati ta' Heritage Malta."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Heritage Malta fejn eccepiet illi:

"Preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni stante illi l-attur mhux indikat b'referenza ghal xi dokument ta' identita` kif mitlub mil-ligi.

"Ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi t-talbiet tal-attur, li hu impjegat fis-Servizz Pubbliku, ma jistghux jigu milqugha fil-konfront tal-eccipjenti li huma biss l-entita` fejn l-attur gie *detailed* kif *del resto* jasserixxi hu stess.

“Ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju, fl-isfond tal-Art. 469A tal-Kap. 12 li tahtu qed jagixxi l-attur, il-pretenzjonijiet tieghu ma jistghux jintlaqghu stante illi a) il-kaz jirrigwarda l-organizzazzjoni amministrattiva interna ta' entita` pubblika (Art. 469A (2)) u b) id-dritt ta’ azzjoni ddekada (Art. 469A (3)).

“Fil-meritu u minghajr pregudizzju, l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante illi dak li sehh fil-konfront tal-attur ma huwiex *ultra vires*, anzi huwa pjenament *intra vires* u dan peress illi jirrigwarda l-ezercizzju *in buona fede* tad-diskrezzjoni manigerjali minghajr ma dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti.

“Ukoll fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante illi l-attur ma ghandux xi dritt illi jippretendi illi jiehu xi post jew *assignment* partikolari fis-servizz pubbliku jew ma’ l-eccipjenti.

“Inkwantu ghat-tielet talba tal-attur, din titlob illi l-Onor. Qorti tassumi l-funzjoni manigerjali tal-eccipjenti minghajr gustifikazzjoni u tali talba ma ghandhiex tintlaqa’ jekk ma jirrizultax illi hlief ghal din il-mizura l-attur ser ikollu xi drittijiet lezi irrimedjabilment.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

“Billi ghalhekk l-azzjoni tal-attur hija milquta b’dekadenza, il-qorti tilqa’ l-eccezzjoni relativa tal-konvenuti, tichad it-talbiet tal-attur u tikkundannah ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eccezzjoni ta’ dekadenza, li dwarha l-art. 469A(3) jipprovdi hekk:

"**469A.** (3) Kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(*b*)[1] ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv."

"Billi jidher car, ukoll mill-ewwel talba tal-attur, illi din hija azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv li l-attur qieghed ighid illi huwa *ultra vires* (u mhux li jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta), din id-dekadenza tghodd ghall-kaz tallum.
"Id-*dies a quo* ghaz-zmien ta' sitt xhur huwa meta l-attur sar jaf, jew seta' jsir jaf, bl-ghemil li qieghed ifittex li jwaqqa' bl-azzjoni tallum.

"Mill-istqarrija tal-attur stess, minnu mahlufa fit-3 ta' Novembru 2008[2], jidher illi s-sejha ghal applikazzjonijiet, li hu jghid illi saret bi ksur tal-ligi taht kondizzjonijiet li qeghduh fi zvantagg, kienet saret sat-28 t'Awissu 2003, u r-rizultat tal-*interview*, mnejn sar jaf li ma kienx intghazel, harget fit-30 t'Ottubru 2003. Imbaghad, il-pozizzjoni tieghu "giet definita" b'ittra tal-10 ta' Gunju 2004, meta kien mgharraf li kellu jibqa' fl-istess grad li kellu qabel, ghalkemm b'isem gdid.

"Dan juri illi l-attur kien sar jaf illi ma kienx intghazel, u ghalhekk sar jaf illi ntlaqat hazin bl-ghemil amministrattiv, fit-30 t'Ottubru 2003, u ghalhekk kien minn dakinhar illi beda jghaddi z-zmien ta' dekadenza. Il-kawza nfethet fit-30 ta' Mejju 2005, sew aktar minn sitt xhur wara. Ukoll jekk, fl-ahjar ipotesi ghall-attur, iz-zmien beda jghaddi mill-ittra tal-10 ta' Gunju 2004 – li ma huwiex il-kaz, ghax dik l-ittra ma ziedet xejn ma' dak li gà kien jaf minn qabel, *i.e.* li ma kienx intghazel – is-sitt xhur xorta ghaddew, ghax iz-zmien, li hu zmien ta' dekadenza, ma nkisirx bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2004."

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Azzopardi, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhu premessi, talab lil din il-Qorti:

[1] *i.e.* ghax l-ghemil ikun *ultra vires*.
[2] *Foll.* 86 *et seq.*

"…joghgobha umilment li tilqa' dan l-appell, tichad l-eccezzjonijiet preliminari sollevata mill-konvenuti dwar id-dekadenza u tordna l-prosegwiment tal-kawza sabiex titkompla tinstema' fil-mertu."

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, Ministru tat-Turizmu u Kultura u l-Avukat Generali li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi talbu li l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2009 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-attur appellant.

Rat ir-risposta ta' Heritage Malta li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi wara li assocjat ruhha ma' dak indikat fir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru talbet li l-appell jigi michud bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti nkluz dak tal-5 ta' Gunju 2012 fejn d-difensuri tal-partijiet kollha rrimettew ruhhom ghall-atti tal-appell u s-sottomissjonijiet li saru bil-miktub u ddikjaraw li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Settembru 2012.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravju mressaq mill-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti naqset tiehu in konsiderazzjoni l-principju bazilari *"contra non valentem agere non currit praescriptio"* cioe` t-terminu ma jghaddix kontra min mhux fil-posizzjoni li jagixxi, u la darba jista' jinghad li l-attur sar jaf bl-ghemil amministrattiv li qed jigi mpunjat bl-ittra tal-10 ta' Gunju 2004, huwa minn dik id-data li s-sitt xhur kontemplati fl-**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12** kellu jibda jghaddi. Peress li l-**Artikolu 460 tal-Kap.12**, izda, jipprovdi li ebda att gudizzjarju li bih jinbdew proceduri hemm indikati kontra l-Gvern jew xi persuna li ghandha kariga pubblika ma jista' jsir hlief wara li jghaddu ghaxart (10) ijiem min-notifika kontra l-Gvern permezz ta' ittra

ufficjali jew protest li fih il-pretensonijiet jew it-talba tigi mfissra b'mod car, u la darba tali ittra ufficjali saret mill-appellanti fit-3 ta' Dicembru 2004, mela allura huwa ma setax jaghmel il-kawza qabel ma jghaddu l-imsemmi ghaxart ijiem, li jfisser li l-intavolar ta' din il-kawza setghet issir biss wara l-iskadenza tas-sitt xhur mid-data tal-ittra tal-10 ta' Gunju 2004. B'hekk, skont l-appellant, din il-kawza saret fit-terminu ndikat mil-ligi ghaliex l-**Artikolu 460** jimponi l-minimu ta' granet li fih ghandu jigi pprezentat l-att gudizzjarju relattiv u mhux il-massimu. Ghalhekk qed jinghad li l-azzjoni attrici saret fit-terminu indikat fl-**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12.**

Ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru et, li l-appellat l-iehor Heritage Malta assocja ruhhu maghha, tghid li t-terminu fil-fatt kellhu jibda jghaddi mid-data tat-30 ta' Ottubru 2003 u mhux mill-10 ta' Gunju 2004, ghaliex kien minn dik id-data li l-appellant kien sar jaf li ma kienx intaghzel ghal grad ta' *manager*; illi l-kawza li l-**Artikolu 469A (3)** qed jirreferi ghaliha hija l-kawza proprja quddiem din il-Qorti li biha effettivament ressaq il-pretensjonijiet tieghu ghad-decizjoni quddiem din il-Qorti, u ghalhekk mhux qed jirreferi ghall-ittra ufficjali kontemplata fl-**Artikolu 460 tal-Kap. 12** liema att gudizzjarju jservi biss bhala intimazzjoni li parti ghandha talba x'taghmel kontra l-partijiet l-ohra u biex il-partijiet jaraw jistghux jaslu ghas-soluzzjoni tal-kaz, izda certament li l-ittra ufficjali ndikata ma tibdiex il-kawza kif jirrizulta mid-distinzjoni kontemplata fl-**Artikolu 460 (1);** li l-**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12** jezigi li l-kawza tinbeda fi zmien sitt xhur mill-ghemil l-amminstrattiv u mhux li tinbaghat ittra ufficjali u allura r-referenza f'dan l-artikolu hija biss ghal dik li kienet citazzjoni u llum rikors guramentat.

Illi l-**Artikolu 469A (3)** jipprovdi li:-

*"469A. (3) Kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht is-subartikolu (1) (b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv."*

Illi f'dan is-sens il-kliem tal-Ligi huwa car. Dak li jrid isir fit-terminu hemm indikat huwa proprju l-kawza sabiex twaqqa' l-ghemil amministrattiv allegatament difettuz, u certament ir-referenza ghal kawza hija ghal dak li llum huwa rikors guramentat u mhux ghal ittra ufficjali, nkluza dik indikata li ghandha ssir skont l-**Artikolu 460**, ghaliex tali ittra ufficjali sservi biss bhala intimazzjoni li l-mittenti kien behsiebu jipprocedi b'kawza kontra l-entitajiet hemm indikati u xejn izjed.

Din il-Qorti tirrileva wkoll li mis-sentenza appellata jirrizulta li d-data meta l-Qorti ddecidiet li l-attur kien jaf li ntlaqat hazin bl-ghemil amministrattiv kienet dik tat-30 ta' Ottubru 2003 (Dok. "C" – fol. 18) li effettivament kienet id-data tal-ittra li informat lill-appellant li huwa ma kienx inghazel ghall-posizzjoni li kien applika ghaliha. Dan johrog car mit-termini tal-istess ittra. Kull ma gara fl-10 ta' Gunju 2004 (Dok. "D" – fol. 19) kien biss konferma ta' dak li kien gia` deciz, ghaliex huwa gie mgharraf li kellhu jibqa' fl-istess grad li kellhu qabel, ghalkemm b'isem gdid. Id-decizjoni tal-ewwel Qorti hija bbazata ghalhekk fuq id-data tat-30 ta' Ottubru 2003 fis-sens li hu minn dik id-data li beda jghaddi z-zmien ta' dekadenza kontemplat fl-**Artikolu 469A tal-Kap. 12.**

Illi minflok. f'dan l-appell, l-appellant jinjora dan kollu tant li mir-rikors tal-appell jidher li qisha l-ewwel Qorti mxiet minflok mid-data tal-10 ta' Gunju 2004, premessa li hija ghalkollox zbaljata tant li l-ewwel Qorti qalet testwalment li:-

*"Dan juri illi l-attur kien sar jaf illi ma kienx intghazel, u ghalhekk sar jaf illi ntlaqat hazin bl-ghemil amministrattiv, fit-30 t'Ottubru 2003, u ghalhekk kien minn dakinhar illi beda jghaddi z-zmien ta' dekadenza. Il-kawza nfethet fit-30 ta' Mejju 2005, sew aktar minn sitt xhur wara. Ukoll jekk, fl-ahjar ipotesi ghall-attur, iz-zmien beda jghaddi mill-ittra tal-10 ta' Gunju 2004 – li ma huwiex il-kaz, ghax dik l-ittra ma ziedet xejn ma' dak li gà kien jaf minn qabel, i.e. li ma kienx intghazel – is-sitt xhur xorta ghaddew, ghax iz-zmien, li hu zmien ta' dekadenza, ma nkisirx bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2004."*

Illi minn dan jidher car li t-terminu ndikat fl-**Artikolu 469A (3)** gie kkunsidrat fl-istess sentenza li beda jghaddi mit-30 ta' Ottubru 2003 u la darba l-kawza saret biss fit-30 ta' Mejju 2005, mela allura tali terminu ta' dekandenza kontemplat fil-ligi kien skada. Izda l-istess Qorti sostniet li anke kieku kellha ghal grazzja tal-argument biss tittiehed id-data tal-ittra tal-10 ta' Gunju 2004, tali terminu kien ukoll skada, ghaliex l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2004, ma kisritx tali terminu, li la darba huwa terminu ta' dekadenza ma jistax jigi interrot. Dan kollu huwa ghalhekk differenti ferm mix-xenarju prospettat fl-appell odjern.

Illi mill-bqija ma hemmx dubbju li dak indikat fl-**Artikolu 469 A (3) tal-Kap. 12** huwa ferm differenti minn dak stipulat fl-**Artikolu 460 tal-Kap. 12**, ghaliex fl-ewwel kaz hemm terminu ta' dekadenza meta ghandha ssir azzjoni sabiex jigi attakat ghemil amministrattriv, mentri fit-tieni artikolu hemm biss il-htiega *ex lege* li ssir ittra ufficjali sabiex parti tgharraf lill-entitajiet jew persuni hemm indikati li kienet ser issir kawza kontra taghhom. Certament l-**Artikolu 460 tal-Kap. 12** ma jistax u mhux intenzjonat li jintuza sabiex jestendi t-terminu tal-**Artikolu 469 A (3) tal-Kap. 12.** Ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti George Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------